# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 12/2014**

Il-Pulizija

vs

**Djillali Douib**

Iben Mohammed, imwieled fid-19 ta’ Dicembru, 1967, detentur tal-passaport numru 0705572.

Illum, 15 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Djillali Douib quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli matul l-ahhar gimghat f’dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen u assista, ta’ parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog minn Malta bil-ksur tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, ikkongura f’dak is-sens ma’ xi persuna ohra bi ksur tal-Artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbidel jew li sar tibdil fih bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor iffalsifikat, bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikola 337A u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tletin (30) xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Djillali Douib ipprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata, fejn sabet lil l-appellant hati ta' l-imputazjonijiet dedotti kontra tieghu, tirriformaha fil-parti tal-piena, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal fatti tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat ghal dik li hija piena, u dan peress illi fl-umli fehma ta' l-appellant, il-piena imposta fuqu hija certament wahda eccessiva, u l-aktar anke meta wiehed jikkonsidra illi l-Ewwel Qorti setghet imponiet multa, flok piena karcerarja.

Fl-ewwel lok ssir referenza ghal kaz fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla, deciza mill-Qorti Kriminali fis-seba (7) ta' Ottubru tas-sena kurrenti, fejn l-akkuzata Dorianne Abdilla, li ammetiet l-imputazzjoni biss qabel ma gie ffurmat il-guri, u certament mhux fi stadju bikri tal-proceduri, giet ikkundannat biss ghal hlas ta' multa fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23, 293.70). Jidher illi l-akkuzata giet ikkundannata ghal hlas ta' multa, propju peress illi l-involviment taghha

kien wiehed limitat. Anke l-involviment ta' l-appellant kien wiehed limitat, fil-fatt fil-kaz tieghu hemm involuti biss zewg persuni, persuna ta' nazzjonalita Torka u ohra ta' nazzjonalita Marokkina. Fi kliem iehor l-appellant umilment jissotometti li l-Ewwel Qorti setghet imponiet fuqu multa, jew alternattivament, piena karcerarja fil-minimu taghha.

Jigi rilevat illi l-appellant huwa ragel tal-familja, bi impjieg fiss, u li ghandu fedina penali netta. F'dan l-isfond aktar u aktar jidher illi piena karcerarja mhux idoneja, l-aktar meta wiehed jikkonsidra illi s-sistema gudizzjarja taghna llum hija wahda ta' natura reformattiva fejn, anke giet introdotta l-*parole.* Inoltre, sahansitra persuna recediva b'diversi kundanni precedenti, illi tkun biddlet hajjietha, normalment tinghata opportunita ohra, sabiex ma tintbghatx il-habs. F'dan l-istadju ssir referenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, illi propju jippruvaw dan il-punt.

Sal-gimgha l-ohra stess, u cioe fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru ta'din is-sena, l-Qorti ta' l-Appell biddlet sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija, f'*conditional discharge* ghal sentejn. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Curtis Bakoush,</u> il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> Minkejja l-hajja pjuttost refrettarja ta' l-appellant din il-Qorti mhijiex aversa ghad-dikjerazzjoni ta' Vicky Scicluna in rapprezentanza tas-Sedqa, illi llum l-appellant huwa persuna totalment differenti u riformata, ghandu xoghol u certa stabbilita f'hajtu. M'hemmx dubju illi dan huwa mertu taghha kif ukoll ta' professjonisti ohra illi dahlu biex ighinu lill-appellant u li l-istess appellant b'rieda tajba u determinazzjoni qed juri illu huwa lest illi jkun cittadin onest fis-socjeta' illi huwa jghix maghha. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti lesta li thares lejn il-kaz ta' l-appellant b'mod favorevoli...

L-istess inghad mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' <u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008), u liema sentenza qatt ma giet appellata. Il-Qorti, f' din is-sentenza, sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-imputat kien recidiv, il-Qorti

sahqet illi l-huwa kellu jinghata cans iehor u dan billi tigi mposta fuqu Ordni ta'Probation, u mhux piena karcerarja. F'dan il-kaz il-Qorti kkunsidrat is-Social Inquiry Report minn fejn irrizulta li l-imputat kellu trobbija nstabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga, u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin fejn il- *urine sample tests* dejjem irrizultaw fin-negattiv.

Il-Qorti f'dan ir-rigward qalet hekk:

> wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ittermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l- imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali, ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fid-dawl ta' dak appena sottomess, l-appellant jitlob li jsir *Social Enquiry Report*, fil-konfront tieghu ukoll, u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tezamina ahjar is-sitwazzjoni tieghu, qabel ma tghaddi ghas-sentenza.

B' mod simili ghas-sentenzi precedenti, fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-disa (9) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Qorti, fil-waqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra, qalet li ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446:

> Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta’ l-appellat hija “irriversibbli” - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss hi ggib stat jew sitwazzjoni ta’ irriversibilita’ assoluta - anqas ma tista’ din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta’ l-Avukat Generali li Ordni ta’ Probation hu ndikat biss ghal “first offenders” zghazagh. Anke fil-kaz ta’ persuna ta’ eta’ mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista’ tiffacca fil-hajja ta’ dik il-persuna a 'window of opportunity' li permezz taghha jkun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija.

Fl-isfond ta' dan kollu, jerga jigi umilment sottomess illi la darba <u>anke persuna recidiva, b' diversi kundanni precedenti, tinghata opportunita ohra, u dan bil-ghan ahhari li ma tigiex imposta piena karcerarja, l-istess ghandu jkun fil-kaz ta' l-appellant li sahansitra ghandu kondotta netta.</u> Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat dan il-fatt b'mod komplet, u ibbazat il-piena mposta BISS fuq il-fatt illi r-reat huwa ta' natura serja peress illi konness ma' traffikar ta' persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Mill-bidu nett ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti erogat piena li hi fil-parametri tal-ligi.

Illi din il-Qorti rat li l-fedina penali ezebita mill-prosekuzzjoni tindika li l-appellant sal-gurnata tal-lum ghandu fedina penali kompletament netta. Jirrizulta wkoll li l-appellant ghandu mpieg fiss u sentenza karcerarja effettiva ma tkunx piena sodisfacenti fid-dawl tal-kazijiet hawn fuq imsemmija. L-appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita' biex ikun jista' ighix fis-socjeta' u ikun ragel produttiv ghalih u ghall-familja tieghu.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja effettiva mhix wahda ekwa u gusta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet fil-waqt li tikkonferma s-sentenza dwar il-htija, tilqa' l-appell ta' l-appellant dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tletin xahar prigunerija. Minflok, tikkundanna lil Djillali Douib ghal piena ta' sentejn prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk l-imsemmi Djallali Douib jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames telef euro (€5,000).